**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 40/2018

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

***Omissis***

Illum, 25 ta' Settembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant *Omissis* detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 508658M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli gewwa 35, Triq il-Mithna, Bormla, u postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer matul is-sena 2013, u fil-hames snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) Ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' *Omissis* (ID: 345194M) u dan bi ksur tal-Art 204C(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(b) aktar talli fl-istess cirkustanzi b' ghemil zieni, ikkorrompa lil *Omissis* (ID: 345191M) li dak iz-zmien kienet minuri ta' taht it-18–il sena u dan bi ksur tal-Art 203(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l- l-Artikoli 18 u 204C(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnha.

Il-Qorti ordnat d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri, tal-foster parents u ta' familjari ohra taghha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuni protetti huma *Omissis* u r-ragel taghha *Omissis*

Rat ir-rikors tal-appellanti *Omissis* minnu pprezentat fl-1 ta' Frar, 2018 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha (i) filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tas-26 ta' Jannar 2018 fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija (ii) alternattivameant u minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena inflitta ta' sentejn habs ghal wahda inqas li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, inkluz b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew tad-disposizzjonijiet taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Qabel xejn, l-Ewwel Qorti zbaljat meta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-esponent stante li l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu huma preskritti bid-dekors ta' hames (5) snin

L-esponent jissottolinea li r-reat li tieghu gie misjub hati huwa dak kif kontemplat taht l-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali.

L-artikolu 204C gie introdott bl-Att XXXI tal-2007, liema Att gie introdott fil-31 ta' Dicembru 2007 liema Att dahal fis-sehh bl-Avviz Legali 10 tal-2008, datat 15 ta' Jannar 2008.

Dak iz-zmien, l-artikolu 204C kien jaqra hekk:

"*Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' jista', meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn*[1], *bir-rekluzjoni jew minghajrha*".

Fil-kawza odjerna, l-esponent gie akkuzat li fl-2013 u fil-hames snin ta' qabel (cioe', 2012, 2011, 2010, 2009 u 2008), huwa ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' *Omissis*, persuna taht l-eta'.

Fix-xhieda taghha, l-imsemmija *Omissis* tghid hekk:

*Dr. A. Lia:* *Sewwa, hemm ghalfejn fix-xhieda tieghek, mela minn tlettax (13) sa hmistax (15), thirteen (13), fourteen (14), fifteen (15), tliet (3) snin.*

*Xhud:* *Nahseb.*

---

[1] Enfasi tal-esponent

*Dr. A. Lia:* *Sewwa.*

*Xhud:* *Xi haga hekk suppost.*[2]

In vista tal-fatt li r-reat kien punibbli b'massimu ta' sentejn prigunerija, iz-zmien preskrittiv tal-istess reat kien dak skond l-artikolu 688 (d) u cioe', ta' hames snin.

Mill-atti jirrizulta li l-karta tal-identita' tal-imsemmija *Omissis* tispicca "94M" u ghalhekk, l-implikazzjoni hija li twieldet qabel l-gheluq tal-1994. Madankollu, wiehed ma jistax jghid f'liema xahar ezatt twieldet peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci certifikat tat-twelid tal-imsemmija *Omissis*. Din il-prova kienet wahda krucjali stante li wiehed miz-zewg elementi tad-delitt in ezami huwa proprju l-fatt li l-vittma tkun taht l-eta'.

Dan ifisser li s-snin li fihom l-imsemmija *Omissis* tghid li graw attivitajiet sesswali mal-imputat kienu 2007, 2008 u 2009, is-snin li fihom kellha 13, 14 u 15-il sena rispettivament. Jekk allura l-esponent gie akkuzat fit-28 ta' Jannar 2015, dana jfisser li kwalunkwe reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' minuri qabel it-28 ta' Jannar 2010 huwa preskritt.

Fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Qorti tghid hekk:

*"Illi mill-atti jirrizulta li din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata. L-imputat gie mressaq b' arrest akkuzat bl-imputazzjonijiet appena citati fit-28 ta' Jannar 2015 u fic-charge sheet hemm indikat li l-fatti li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern sehhew fis-sena 2013 u fil-hames snin ta' qabel. Mill-atti jirrizulta li l-allegati atti ta' abbuz sesswali bdew isehhu meta il-minuri kellha tlettax –il sena u komplew sa meta hija ghalqet sittax il-sena. Fis-sena 2014 meta sar ir-rapport inizjali minn Omissis il-minuri kellha dsatax –il sena u ghalhekk dan ifisser li dawn l-allegati*

---

[2] Ara xhieda ta' *Omissis* in kontroezami tas-16 ta' Frar 2017, p.10

*atti bdew fis-sena 2008 u komplew sas-sena 2011. Peress illi l-allegat agir sehh aktar minn darba u fuq medda ta' snin japplika l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-ahhar darba li jkun sehh ir-reat, f' dan il-kaz fis-sena 2011. Dan ifisser li l-azzjoni Kriminali mhux preskritta u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

B'kull dovut rispett, din il-parti tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex korretta.

Mill-atti ma jirrizultax meta l-imsemmija *Omissis* taghlaq zmienha. Jirrizulta biss li hija twieldet fl-1994 u ghalhekk, ghall-kuntrarju ta' dak li tghid l-Ewwel Qorti, fl-2014, l-imsemmija *Omissis* kellha 20 sena.

Anke *dato ma non concesso* wiehed jikkalkula li graw xi attivitajiet sesswali meta l-imsemmija *Omissis* kellha 16-il sena, ma tirrizulta ebda prova ta' x'gara u liema attivitajiet sesswali setghu graw f'dik is-sena. Dwar meta kellha 16-il sena, u ghalhekk fl-2010, l-imsemmija *Omissis* ma tghid xejn, ma ssemmi ebda attivita' sesswali. Konsegwentement, stante li l-unika attivita' li l-imsemmija *Omissis* issemmi b'mod esplicitu hija dik ta' meta kellha 13-il sena, (u cioe' tal-2007), liema reat mhux biss huwa preskritt, izda lanqas biss huwa kompriz fl-akkuza in ezami, l-Ewwel Qorti zbaljat meta ma lliberatx lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija.

Ghaldaqstant, jirrizulta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, li l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tal-imputat *Omissis*, huma preskritti a tenur tal-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali, liema preskrizzjoni hija anke sollevabbli minn din l-Onorabbli Qorti *ex officio* a tenur tal-artikolu 674 tal-istess Kodici Kriminali.

2. F'kull kaz, u minghajr pregudizzju, l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u analizi zbaljata tal-provi migjuba kontriha, liema provi ma setghu qatt iwasslu ghas-sejbien ta' htija

Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti tghid li hija tinsab rinfaccjata b'verzjoni wahda.[3] L-Ewwel Qorti taghti l-impressjoni li, proprju ghalhekk, hija strahet fuq il-verzjoni ta' l-imsemmija *Omissis*. Inoltre, l-Ewwel Qorti tghid li l-verzjoni tal-istess *Omissis* hija wahda kredibbli, u bhallikieku tiskarta x-xhieda kollha migjuba, inkluz dawk tal-prosekuzzjoni, li ghalkemm hadd minnhom ma kien prezenti jew kien xhud ta' l-allegazzjonijiet imressqa mill-istess *Omissis*, kollha jixhdu dwar il-komportament, il-kredibilita' (jew in-nuqqas taghha) u l-karattru xejn affidabbli tal-istess *Omissis*.

L-ewwel u qabel kollox, tajjeb jigi sottolineat li dak li tilmenta dwaru *Omissis* gie rrapportat minnha biss wara li l-*foster parent* taghha *Omissis*, kien irraportah hu stess xi zmien qabel. In kwantu *Omissis* kienet diga' maggorenni fiz-zmien li sar ir-rapport ta' *Omissis*, il-pulizija stess ikkomunikat ma' *Omissis* u talbitha jekk tixtieqx tmur l-ghassa taghmel rapport hi. Kien hemmhekk li *Omissis*, ghall-ewwel darba, irrakkondat l-allegazzjonijiet taghha lill-pulizija, meta kellha gja' 21 sena u ghalhekk, bejn 6 u 8 snin wara li dak rakkontat minnha kien allegatament sehh.

Tajjeb jigi sottolineat li l-imputazzjonijiet kif dedotti jitkelmu dwar partecipazzjoni sesswali ma' minuri bejn is-snin 2013 u l-hames snin ta' qabel, u cioe', 2012, 2011, 2010, 2009 u 2008. Ix-xhud *Omissis* tghid li l-okkazzjoni li "*niftakarha ezatti*"[4]. Fil-fatt, b'kull dovut rispett, ghall-kuntrarju ta' dak li tghid l-Ewwel Qorti, ix-xhud *Omissis* ma tiftakar ebda okkazzjoni ohra ghajr dik li grat meta kellha 13-il sena, jew, *aktar probabbli*, kif tghid *Omissis*, meta kellha 12-il sena. Dan kollu qed jinghad fl-isfond tal-imputazzjonijiet kif inhuma dedotti stante li l-esponent mhuwiex, u ma giex, akkuzat b'xi akkaduti li sehhew fis-sena 2006 u/jew 2007. Min-numru tal-karta tal-identita' ta' *Omissis* jidher li hija twieldet fl-1994 u ghalhekk, fl-2006 u fl-2007 kellha 12 jew 13-il sena rispettivament. Ghalhekk, l-esponent ma jista' qatt jigi addebitat ta' xi akkaduti li

[3] Pagna 7 tas-sentenza appellata.

[4] Ara xhieda ta' *Omissis* in kontroezami tas-16 ta' Frar 2017 pp.10-11

graw fi snin li mhumiex mertu tal-imputazzjonijiet kif dedotti. L-esponent jissottolinea wkoll li l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipproduci l-ahjar prova dwar l-eta' ta' *Omissis* stante li ma jirrizulta ebda certifikat tat-twelid taghha fl-atti tal-kawza.

Ix-xhud *Omissis* imbaghad tkompli tghid li dawn l-akkaduti komplew ghaddejjin sakemm kellha hmistax (15)-il sena[5]. Madankollu, meta x-xhud giet mistoqsija dwar x'jigri fid-drabi kollha l-ohra[6], hija tghid li ma tiftakarx specifikament ghall-okkazzjonijiet li hija tghid li graw, izda terga' tirrepeti, b'mod generiku u vag, dak li kienet gja' qalet dwar meta tghid li kellha 12 jew 13-il sena. Ir-rakkonti taghha dwar kull okkazjoni ohra, ghajr dik li hija ssejhilha, "*l-ewwel darba*", huma vagi, generici u bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala prova sufficjenti f'kamp penali; anqas u anqas jistghu, l-istess rakkonti, jirrekaw htija fil-konfront tal-esponent. Ghalhekk, b'kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti zbaljat meta qieset li dawn il-grajjiet tal-allegata vittma, kienu kredibbli u bizzejjed bhala prova sal-grad rikjest fil-kamp penali.

Anke dwar okkazjoni minnhom li, skond ix-xhud *Omissis*, in-nanna taghha kienet qeghda barra, u mhux id-dar, hija tghid li "*ezatti ma niftakarx*" x'gara. Anke f'dan il-kaz, ix-xiehda kollha moghtija minn *Omissis* hija generika u vaga tant li hlief ghal dik li ssejhilha, "l-ewwel darba", ix-xhud ma tghid xejn la dettaljat u lanqas imqar car jew kredibbli, dwar id-drabi kollha l-ohra li hi tallega li graw.

Tajjeb jinghad ukoll li x-xhud *Omissis* tghid li f'kull okkazjoni, ma kien hemm ebda vjolenza: hija tirrakkonta (b'referenza ghall-ewwel allegazzjoni) li idejha kien qabadielha u mhux hatafielha, u li l-moviment tieghu, ma kienx "bis-sahha"[7]. Tghid

---

[5] *Ibid.*, p.8

[6] Ara xhieda ta' *Omissis* in kontroezami tas-16 ta' Frar 2017, pp.11-14

[7] Ara xhieda ta' *Omissis* in kontroezami tas-16 ta' Frar 2017, p.8

ukoll li "*meta qabadli idi hallejtu, ghax ma kontx naf x'se naqbad naghmel*"[8]. Dan kollu qed jinghad b'referenza ghall-ewwel allegat incident li sehh meta l-imsemmija *Omissis* tghid li kellha 12 jew 13-il sena. Ghad-drabi kollha l-ohra, li dwarhom *Omissis* ma taghti ebda dettal jew spjega, hija tghid li wkoll qatt ma kien hemm vjolenza, suggerimenti, weghdiet, jew theddid. Hija sahansitra tghid li kwazi kwazi lanqas kliem ma kien ikun hemm. B'kull dovut rispett, din id-dikjarazzjoni tax-xhud *Omissis* mhijiex kredibbli.

Jekk, *dato ma non concesso*, ix-xhud *Omissis* kienet 'mahsuda' jew 'sorpriza' meta hija tghid li gara l-ewwel incidenet, l-istess ma jistax jinghad ghal dawk id-drabi ohra li hija tghid li graw u li dwarhom ma tghid xejn. L-Ewwel Qorti kellha wkoll l-opportunita' li tara anke l-komportament u l-imgieba kalma tax-xhud *Omissis* fix-xhieda taghha in ezami u in kontroezami, li f'mument minnhom anke tispicca tidhaq waqt id-deposizzjoni taghha. Minkejja li hija tinsisti tuza l-kelma "igieghlni" ghal meta ssemmi l-allegati atti li dwarhom jirrigwardja dan l-appell, minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi insistenzi jew manuvri bis-sahha jew imqar theddid.

Anke dwar x'tip ta' attivita' kienet issir, ix-xhud *Omissis* tidher li ma tafx jew ma tiftakarx x'gara. Ghall-ewwel tghid li kull darba li skond hi kien hemm kuntatt bejnha u bejn l-imputat, kienet tatu sess orali[9]. Ftit wara pero', ticcara li fl-"ewwel darba le"[10]. Mill-gdid, ftit wara fl-istess xiehda imbaghad, tghid li ma tiftakarx kemm-il darba ohra, apparti l-ewwel darba, ma kienx hemm sess orali involut.[11]

---

[8] *Ibid.*

[9] *Ibid.* p.13

[10] *Ibid.* p.13

[11] *Ibid.* p.14

Dan qed jinghad ukoll fl-isfond li x-xhud Roberta Bartolo Conti (li kienet tahdem il-*Looked-After-Children Services*) tghid li *Omissis* qatt ma semmitilha li kien hemm xi problema jew xi haga li ddejjaqha dwar xi hadd. Ghall-kuntrarju, hija tikkonferma li '*kollox kien ikun sejjer sew*' u li qatt hadd ma semmielha xejn[12]. Anke s-*social worker* Ruth Cassar, minkejja r-rwol taghha, tghid li hadd qatt ma semmielha xejn ghajr ghal xi dizgwiti bejn *Omissis* u l-*foster carers* konjugi *Omissis*.[13] Tajjeb jinghad li Cassar tghid li kien hemm numru ta' okkazzjonijiet fejn kellha l-opportunita' li titkellem ma' *Omissis* privatament, imma qatt ma sar diskors dwar xi allegazzjonijiet simili, jew imqar remotament konnessi, mal-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-appell.

Anke l-*foster parents* li xehdu f'dawn il-proceduri dejjem jitkelmu dwar li *Omissis* kien ragel tal-affari tieghu[14]. *Omissis* tispjega li fl-ahhar 6 xhur qabel mietet *Omissis*, *Omissis* marret tghix maghha fid-dar taghha f'Bormla – ezatt bizwit l-imputat.[15] Ix-xhud *Omissis* tispjega li *Omissis* mietet f'Lulju tal-2013, u ghalhekk meta *Omissis* kellha 19-il sena. Skond ix-xhud *Omissis*, dak iz-zmien kienu ilhom madwar 4 snin li spiccaw l-atti li tilmenta dwarhom. Huwa ferm inkredibbli li persuna li tghid li giet 'imgieghla' u li thossha 'abbuzata' li terga' tmur lura fil-post fejn sehh l-allegat abbuz, bieb ma' bieb ma' min issostni li kien l-aggressur. Inoltre, lanqas jirrizulta li *Omissis* ma baqghetx tmur ghand nannitha (u cioe' *Omissis*) ghaz-zmien kollu sakemm telqet b'mod definittiv meta mietet.

---

[12] Ara xhieda ta' Roberta Bartolo Conti tas-6 ta' Lulju 2017, p.4

[13] Ara xhieda ta' Ruth Cassar tas-17 ta' Marzu 2017

[14] Ara xhieda ta' *Omissis* tal-14 ta' April 2015, p.3

[15] *Ibid*, p.6

L-esponent jaghmel referenza wkoll ghal rakkont li ssemmi x-xhud tal-prosekuzzjoni *Omissis* meta *Omissis* kienet gholliet sikkina ghaliha.[16] Mistoqsija in kontroezami dwar dan, *Omissis* tghid li mhuwiex minnu u li ma kienx hemm skieken involuti[17]. Aktar tard, in kontroezami, *Omissis* tghid li *Omissis* kienet anke semmitilha li ghandha dritt tiehu l-flus lill-esponent[18], haga li l-istess *Omissis* tichad li hi qalet dan id-diskors, u tghid li l-*foster mother* taghha gidbet[19]. B'kull dovut rispett, l-Ewwel Qorti ma haditx dan kollu in konsiderazzjoni meta qieset il-verzjoni ta' *Omissis*. L-esponent jissottometti li hemm wisq nebulozita', inkonsistenzi, dubji, u rakkonti konfliggenti jew inkredibbli. Dawn kollha necessarjament jeghlbu l-mizinn probatorju favur l-imputat. L-Ewwel Qorti kellha wkoll f'idejha x-xhieda ta' *Omissis* u ta' *Omissis* tas-27 ta' Settembru 2016 u tat-3 ta' Novembru 2016 rispettivament. Fix-xhieda taghhom, din id-darba, il-konjugi *Omissis* it-tnejn li huma jghidu, *in parole povere*, li mhumiex jemmnu l-allegazzjonijiet ta' *Omissis* u huma stess josservaw id-diversi inkonsistenzi li hemm fil-verzjonijiet (dejjem differenti) moghtija minnha.

L-esponent jissottometti umilment li l-Ewwel Qorti meta, in vista ta' dan kollu li inghad hawn fuq, iddikjarat li l-verzjoni tal-imsemmija *Omissis* hija konsistenti u verosimili. Ghall-kuntrarju, l-esponent jirrileva li fid-dawl tas-suespost, huwa ma seta' qatt jinstab hati stante li l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni ma kienux sufficjenti biex jeghlbu kull dubju dettat mir-raguni.

Huwa risaput li "*hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti*" (Pulizija vs Paolo Farrugia, App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali

---

[16] *Ibid,* p.8

[17] Ara xhieda ta' *Omissis* tas-16 ta' Frar 2017, p.34

[18] Ara xhieda ta' *Omissis* tas-27 ta' Settembru 2016, p.9

[19] Ara xhieda ta' *Omissis* tas-16 ta' Frar 2017, p.35

tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat*" (Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)).

L-esponent huwa tal-fehema li mill-atti tal-process jirrizultaw diversi dubji li jxejnu l-verzjoni moghtija mill-imsemmija *Omissis*. Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent jissottometti li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija, lanqas tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Dan kollu qed jinghad ukoll fid-dawl tad-dibattiti Parlamentari li wasslu ghall-introduzzjoni tal-Artikolu 204C tal-Kodici Kriminali. Mill-istess dibattiti jirrizulta li l-ghan tal-artikolu 204C kien li jaghlaq dik il-*lacuna* f'kazijiet fejn l-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali ma japplikax u dan b'rizultat tan-nuqqas ta' element tal-korruzzjoni.

L-esponent jaghmel referenza ghad-dibattiti parlamentari[20] fejn l-Avukat Generali ta' dak iz-zmien jghid hekk:

*"Aħna rridu li persuna li jkollha attivita' sesswali ma' minuri diġa' totalment korrotta ma teħel xejn ħlief li f'dawk iċ-ċirkostanzi".*

Fl-istess dibattiti jigi spjegat kif l-applikazzjoni tal-Artikolu 204C huwa limitat u ghandu jigi moqri biss in konnessjoni mas-subinciz (2). Issa huwa vera li minn qari tat-test tal-ligi, anke dak tal-Att XXXI tal-2007, jidher li s-subinciz (2) huwa aggravju ghall-ewwel subinciz. Madankollu, l-esponent jirrileva li l-intenzjoni tal-legislatur ghandha dejjem tipprevali f'dik li hija interpretazzjoni tal-ligi. Dan aktar u aktar fl-isfond li, minghajr is-subinciz tnejn, l-Artikolu 204C jidher li huwa dak li l-Qrati taghna jsejjhulu

[20] Laqgha Numru 118, 11 ta' Dicembru 2007

*technical offence* jew *strict liability offence*, peress li jidher li m'hemmx htiega tal-element tal-intenzjoni kriminuza, izda huwa sufficjenti li jkun hemm l-att biss.

Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll, l-esponent jissottolinea li l-Ewwel Qorti kellha tqis ferm u ferm aktar, id-dubji kbar fix-xiehda moghtija minn *Omissis*, liema dubji kellhom dejjem jigu interpretati favur l-imputat.

3. F'kull kaz, u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta hija eccessiva fic-cirkostanzi kollha

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li fis-snin tal-incidenti kif allegati minn *Omissis*, l-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, kien jaqra hekk:

*Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta', jista', meta jinstab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, bir-rekluzjoni jew minghajrha.*[21]

Kien biss imbaghad bl-Att numru IV tal-2014 li l-piena ghall-imsemmi artikolu 204C gie mizjud ghal "mhux izjed minn hames snin".

Dan ifisser biss li, stante li l-allegazzjonijiet jindikaw is-snin 2008 sa 2013, li huwa l-artikolu 204C ta' qabel l-emendi tal-2014 li ghandu japplika. Konsegwentment, dan ifisser ukoll li l-Ewwel Qorti infliggiet piena massima f'dan il-kaz.

L-esponent umilment jirrileva, anke fid-dawl ta' dak gja' sottomess hawn fuq, li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti mhijiex piena idonea u qed jirrizerva li jitlob li jsir *social inquiry report* fl-istadju opportun.

---

[21] Att XXXI tal-2007

L-appellant huwa persuna li llum ghandu 60 sena, li ghandu fedina penali nettissima, u li qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja. Fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent jirrileva li, minghajr pregudizzju ghas-suespost, piena taht l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, jew piena taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet tkun ferm aktar idonea. L-esponent jissottometti li jekk hemm diversi kazijiet li l-Qrati taghna taw sentenzi alternattivi ghall-habs lil persuni li kellhom storja kriminali, kemm ghandu jkun aktar u aktar applikabbli fil-kaz tieghu, li ghal 60 sena, qatt ma kellu xejn mal-pulizija.

F'dan ir-rigward, l-appellant umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 25 ta' April 2006, per l-Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet **Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446. produttiva f'dan il-kaz.

Anke fil-kawza **Pulizija vs *Omissis* Butler**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar 2009, il-Qorti kkristallizzat proprju dan il-principju, u cioe' illi l-Qorti ta' l-Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanzi lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina. L-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi l-akkuzat kien recidiv, il-Qorti xorta wahda sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' probation.

F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Pulizija vs George Farrugia**, fejn l-istess Qorti, wara li rat li l-akkuzat kellu sahansitra 42 faccata fedina penali,

b'total ta' 77 kundanna (a differenza tal-esponent li ghandu fedina kompletament netta), hija xorta tat piena alternattiva ghal dik ta' habs.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-Ufficjal Prosekutur l-**<u>Ispettur Josric Mifsud</u>** jghid li ghal habta ta' bejn il-Milied l-ewwel tas-sena tas-sena 2014, certu *Omissis* kien infurmah li kien jiffosterja lil certu *Omissis* u li kien skopra li meta *Omissis* kellha bejn tlettax u sittax-il sena, din kienet tmur ghand omm il-mara tieghu u kien hemm gar, certu *Omissis* li kien qed jaghti fastidju lil *Omissis*. *Omissis* giet mitkellma darbtejn mill-Ispettur Josric Mifsud sabiex isir rapport, imma r-rapport sar fis-17 ta' Jannar, 2015. Izid li *Omissis* rrilaxxjat u ffirmat dikjarazzjoni fejn ikkonfermat li meta kellha bejn tlettax u sittax-il sena hija kienet tmur ghand il-foster nanna u kien jigi certu *Omissis* li kien joqghod zewg bibien il'boghod mid-dar tal-foster nanna jaghmel xi tiswijiet, izda meta kien isib ruhu wahdu, kien imur u jgieghel lil *Omissis* tpoggi l-parti tieghu gewwa halqha u tghamel sess orali. *Omissis* nfurmat lill-Ispettur Josric Mifsud illi *Omissis* kien anke missilha l-parti taghha, izda qatt ma kien hemm penetrazzjoni minn naha tieghu. Meta *Omissis* kienet issaqsi lil *Omissis* ghaliex qed jaghmel hekk, kien jghidilha li ma fiha xejn hazin u li qed jghallimha u jtiha esperjena fil-hajja. L-Ispettur Josric Mifsud cempel lil *Omissis* sabiex jigi l-Ghassa u jigi mitkellem u fis-26 ta' Jannar, 2015 wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu u wara li nghata zmien jitkellem mal-Avukat Dr. Pawlu Lia, ttiehditlu l-ewwel stqarrija fejn ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda. Meta saret it-tieni stqarrija fis-

27 ta' Jannar, 2015, u wara li *Omissis* inghata d-drittijiet kollha tieghu, *Omissis* kien informa lill-Ispettur Josric Mifsud illi fil-fatt kien tkellem ma Dr. Alessandro Lia u mhux Dr. Pawlu Lia u ammetta li minhabba provokazzjoni minn naha ta' *Omissis*, hu kien ikollu sess orali maghha. *Omissis* kien jaf li *Omissis* kienet fostered mill-familja *Omissis*. L-Ispettur Josric Mifsud jikkonferma li qabel ma ttiehdet it-tieni stqarrija, *Omissis* ma kien ikkonsulta ma hadd.

***Omissis*** jghid li fis-27 ta' Dicembru mar jaghmel rapport l-Ghassa z-Zurrieq ghax iggieled b'mod verbali ma *Omissis* fejn ghajru li abbuza tifla ta' tlettax-il sena. Fid-29 ta' Dicembru, *Omissis* mar l-Ghassa ta' Bormla sabiex jghid l-istess affarijiet lill-Ispettur Josric Mifsud. *Omissis* jispjega li hu kien foster carer ta' *Omissis* mindu kellha erba' snin u sar foster parent mindu kellha tmien snin. *Omissis* damet tghix mieghu u mal-mara tieghu sakemm kellha dsatax-il sena meta f'Awwissu 2013 iddecididiet li titlaq mid-dar. L-ghada tal-Milied, l-gharus ta' *Omissis*, cioe' *Omissis*, mar jiltaqa' ma *Omissis* fejn infurmah li *Omissis* kienet telqet mid-dar minhabba li kien ilha mindu kellha tlettax-il sena tigi mgieghlha tghamel sess orali ma' *Omissis*. *Omissis* jaf li *Omissis* huwa gar ta' omm il-mara tieghu u ilu jafu madwar tmintax-il sena. Skont *Omissis*, l-gharus ta' *Omissis*, *Omissis* kien ilu johrog ma *Omissis* minn Jannar 2014, izda m'huwiex cert. Jghid li *Omissis* kienet telqet mid-dar minhabba li ggieldet mal-foster parents taghha ghaliex kienet hadet il-mobile tat-tifel ta' *Omissis* biex tidhol fuq l-internet u bdiet ittella' xi ritratti pornografici fuq il-profile tal-facebook taghha. Hi kienet hadet il-mobile minhabba li *Omissis* kien imblukka l-facebook wara li skopra li *Omissis* kienet qed taccessa l-internet u titfa' ritratti fuq facebook mill-iskola. Meta t-tifel ta' *Omissis* nfurmah bir-ritratti li kienu telghin, *Omissis* anke lemah il-kelma "*qahba*" fuq il-profile ta' *Omissis*. *Omissis* jikkonferma li ghajn hazina minn *Omissis* qatt ma raha u agixxa biss fuq dak li qallu *Omissis* u fuq konferma tal-istess minghand *Omissis*.

***Omissis*** tikkonferma li ommha *Omissis* kienet toqghod Bormla u meta *Omissis* giet fostered minnha u mir-ragel taghha, kienu jmorru ta' spiss id-dar ta' Bormla. Hija

tikkonferma li *Omissis*, l-gharus ta' *Omissis* kien cempel lil *Omissis* fejn talbu sabiex jiltaqghu u jitkelmu u meta ltaqghu, infurmah li *Omissis* telqet mid-dar ghax kienet tigi abbuzata minn *Omissis*. *Omissis* cempel lil *Omissis* u qallha b'dan kollu u *Omissis* riedet tisma' kemm il-verzjoni ta' *Omissis* u kemm ta' *Omissis*, ghax avolja taf li *Omissis* ragel tal-affari tieghu, ma eskludiet xejn. *Omissis* tghid li *Omissis* kien trabba mal-familja taghha stante li tilef lill-genituri tieghu u kemm-il darba kien jghin lill-omm *Omissis* fid-dawl u ilma peress li kien jifhem u qatt ma talabha flus. Is-sinjura *Omissis* kienet tpattilu s-servizzi tieghu billi ttih platt ikel jew tixtrilu sigaretti. *Omissis* kienet qalet lill-Ispettur Josric Mifsud meta marret tkellmu l-Ghassa li *Omissis* kien jaghti attenzjoni specjali lil *Omissis*, ghaliex meta kien ikun hemm okkazzjoni, apparti li kien jixtri ghat-tfal ta' *Omissis*, kien jixtri anke lil *Omissis* u meta *Omissis* kienet talbitu jieqaf milli jixtri rigali, *Omissis* hadha kontriha. Avolja *Omissis* kien waqaf milli jixtri rigali, kien jixtri cards tal-mobile u jghatihom lil *Omissis*. Hmistax-il gurnata wara li mietet is-sinjura *Omissis*, *Omissis* telqet mid-dar ghax meta *Omissis* sabet xi deheb ta' ommha nieqes, saqsiet lil *Omissis* jekk haditx id-deheb hi u spiccaw jillatikaw. *Omissis* kellmet anke lil *Omissis* ghax *Omissis* qaltilha li *Omissis* kien jidhol id-dar tan-nanna, izda *Omissis* qal lil *Omissis* biex tirraporta lil *Omissis* ghax hi kienet tgerfex. *Omissis* issemmi okkazjoni fejn *Omissis* kienet qed taghmel xi hobz ghat-tfal ta' *Omissis* u kellha sikkina f'idejha. Fil-pront, *Omissis* qabdet tghajjat u tghajjar lil *Omissis* li din qatt ma ghamlet xejn maghha u gie fin-nofs *Omissis* sabiex iwwaqqafha milli xxejjer is-sikkina. L-incident waqaf hemm u *Omissis* telqet il'barra. Inoltre, tghid li darba minnhom *Omissis* saret taf li *Omissis* kellha facebook profile u kienet qeghda friends ma Ray Balzan u ghalhekk ir-ragel taghha kien waqfilha l-access ghall-internet. Pero' wiehed mit-tfal taghhom kellu mobile u kellu access ghall-internet, izda facebook profile ma kellux stante li kien minuri, u fil-pront bdew telghin kliem bhal "qahba" u "m'inix se npaxxik". It-tifel beda jghid li mhux hu kitibhom dawk il-kliem u dak il-hin *Omissis* hatfitlu l-mobile u mbuttat lil *Omissis* ghal fuq is-salott.

***Omissis*** huwa l-gharus ta' *Omissis* u ilu jafha xi sentejn. Wara li *Omissis* telqet mid-dar, huwa beda jipprova jghin lil *Omissis* biex tirranga l-affarijiet mal-genituri foster taghha. Waqt diskussjonijiet kien issemma l-Cane, li huwa *Omissis* u *Omissis* dehret li ma haditx pjacir meta ssemma. Spjegat lill-Omissis li dan *Omissis* huwa midhla sew tal-familja izda kien abbuzaha. Omissis qal lil *Omissis* li jigi l-foster father ta' *Omissis* sabiex ma jafdax lit-tfal tieghu ma dan *Omissis* ghax kien abbuza minn *Omissis*. *Omissis* jghid li kien *Omissis* li semma lil *Omissis* ghax kellu suspetti li kien hemm xi haga bejnu u bejn *Omissis*. Huwa jghid li *Omissis* kienet spejgatlu li hi kienet tkun fil-kamra ta' fuq u dan *Omissis* kien jitla' hdejha u jgieghlha taghmel sess orali mieghu, apparti li kien imissha. *Omissis* kien jghidilha li xtaq jghallimha. *Omissis* kienet qalet lil Omissis li hi ma kienitx tkun komda u kienet tibza' li *Omissis* se jmiss anke lil hutha. Il-genituri ta' *Omissis* qalu lil Omissis li *Omissis* kien qed jghamel l-ghassa lil *Omissis*. *Omissis* jghid li mar tlett darbiet wara l-bieb ta' *Omissis* biex jaffaccjah izda *Omissis* ma fetahlux u kienu tkellmu bit-telephone fejn *Omissis* irrekordja l-konversazzjoni.

**L-Ispettur Mark Mercieca** jghid li kull ma ilu Spettur ghal dawn l-ahhar tlett xhur u qabel ma kien Spettur kien surgent li kien prezenti ghall-istqarrija li ttiehdet fis-26 ta' Frar u anke fis-27 ta' Frar lill-*Omissis* fejn l-istess *Omissis* kien inghata d-drittijiet tieghu. *Omissis* xtaq jikkonsulta ma Dr. Pawlu Lia u fis-27 ta' Frar, fit-tieni stqarrija nforma lill-Ispettur Josric Mifsud li kien kellem lill-Dr. Alessandro Lia. Inoltre, jghid li fl-ewwel stqarrija, *Omissis* ma kien wiegeb ghal kwazi l-ebda domanda izda fit-tieni, stqarr l-involviment tieghu. Jikkjarifika li d-dritt tal-Avukat inghata biss qabel l-ewwel stqarrija.

***Omissis*** tikkonferma li l-foster parents taghha huma *Omissis* u *Omissis* u ilhom hekk mindu kellha hdax-il sena. Huma kienu jghixu z-Zurrieq imma fil-*weekends Omissis* kienet tmur ghand in-nanna, omm *Omissis* li toqghod Bormla. Hija tghid li meta kienet tkun ghand in-nanna Bormla, kien jigi l-gar u habib tal-familja taghha, certu *Omissis* u ghall-bidu beda jgieghel lil *Omissis* tmisslu l-parti privata tieghu u timmasturbah, izda aktar ma ghadda zmien, imbghad anke beda jghieghlha taghmel sess orali mieghu u

beda anke jdahhal idu fil-qalziet taghha u jmissha. Tghid ukoll li kien hemm drabi izda mhux ta' spiss fejn *Omissis* kien jghamel sess orali lil *Omissis*. Hija tikkonferma li *Omissis* qatt ma kellu x'jaqsam maghha, izda kien idahhal idu go fiha. Biex tasal ghal kamra tas-sodda trid titla' zewg sulari mill-entrata. Hija tiddeskrivi li l-ewwel darba li *Omissis* mar fuqha, kienet liebsa flokk u qalziet. Inoltre tghid li dawn l-affarijiet kienu jigru ta' spiss u qatt ma kienet qaltlu biex jieqaf. Izzid li *Omissis* kien juriha l-pornografija minn fuq il-mobile tieghu. Tispjega li kienet tara nisa u rgiel ikollhom x'jaqsmu fi-videos li kien juriha *Omissis*. Hija tghid li meta kellha sittax-il sena, dawn l-incidenti waqfu ghax kienet tipprova ma ssibx ruhha wahedha. *Omissis* ddecidiet li tiftah qalbha fuq li kien gralha mal-boyfriend taghha *Omissis* u qatt ma qalet lil hadd qabel ghax kienet tibza' li mhux se tigi emnuta. Wara nfurmat lill-foster parents taghha, umbghad ghamlet rapport.

***Omissis*** regghet xehdet fis-27 ta' Settembru, 2016 fejn ikkonfermat li kienet ilha foster parent ta' *Omissis* ghal erbatax-il sena u li issa *Omissis* qed tghix mal-gharus taghha *Omissis* u ghandhom tarbija. Hija tghid li meta harget din l-informazzjoni ta' x'kien gara bejn *Omissis* u *Omissis*, *Omissis* ggieldet minn mal-foster parents taghha, izda meta ghalqet tlett xhur tqila, regghet ghamlet kuntatt ma *Omissis* ghax xtaqet li jirrangaw l-affarijiet bejniethom. Hija tghid li bdiet tiltaqa' ma *Omissis* barra mid-dar ghax ir-ragel taghha, *Omissis* ma xtaqx li *Omissis* terga' tidhol id-dar. *Omissis* tghid li saret taf il-gideb ta' *Omissis* ghax meta kienet issaqsiha x'inhu jigri fil-kawza kontra *Omissis*, *Omissis* kienet tghidilha li mhux bicca taghha. *Omissis* kienet qalet lil *Omissis* li *Omissis* kien abbuzaha ghal disa' darbiet u meta *Omissis* regghet saqsitha kemm-il darba giet abbuzata, *Omissis* qaltilha li nsiet. *Omissis* izzid tghid li fiz-zmien tal-abbuz, *Omissis* ma tkellmet ma hadd avolja kellha l-ghajnuna tal-foster parents taghha, tas-social worker u anke tal-Appogg. Di piú, hija baqghet tagixxi normali fil-konfront ta' *Omissis* u sahansitra baqghet friends mieghu fuq facebook sakemm kellha dsatax-il sena. *Omissis* tirrakkonta li meta tkellmet ma *Omissis*, *Omissis* qaltilha li *Omissis* qatt ma rrikattha izda meta kien itiha l-flus, hi kienet taccettahom. Inoltre tghid li *Omissis* qaltilha li ma

ghandha xejn kontra *Omissis* u lanqas tobghodu. It-tifel iz-zghir ta' *Omissis* kien ikun ta' spiss ghand in-nanna li tghix Bormla u hu qatt ma ra u qatt ma sema' hsejjes li jqajmu suspett. Lil *Omissis*, *Omissis* qaltilha li *Omissis* jobghodha hafna u anke kien jobghod lill-ommha *Omissis* u kien lest anke jivvendika ruhu. *Omissis* kienet sabet diary gewwa l-baskett tal-iskola ta' *Omissis* fejn kien hemm miktub hafna diskors baxx u kienet sabet ittra fejn ghajret lill-ommha *Omissis* ghajjura u li qed tiehu r-rigali li taha *Omissis*, u li allura *Omissis* kienet tiehu pjacir bir-rigali ta' *Omissis*.

***Omissis*** rega' xehed fit-3 ta' Novembru, 2016 u kkonferma li kien ilu foster parent ta' *Omissis* ghal hmistax-il sena. Jikkonferma wkoll li xi hmistax-il gurnata wara li miet omm *Omissis*, il-mara tieghu, kellhom bzonn inaddfu d-dar ta' malajr ghax sid id-dar ried il-pussess taghha lura u sabu xi deheb nieqes fejn kienu saqsew lil *Omissis* jekk missitx id-deheb hu, u nqala' argument u *Omissis* telqet mid-dar. Dak inhar stess li telqet mid-dar, *Omissis* ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, u sar jaf li kienet ghamlet kuntatt ma zijuha, hu l-omm naturali taghha. Jikkonferma li ftit wara l-Milied, *Omissis*, l-gharus ta' *Omissis* kien ghamel kuntatt mieghu sabiex jispjegalu r-raguni ghaliex *Omissis* telqet mid-dar u talbu jigu wahdu. Meta *Omissis* iltaqa' ma *Omissis*, *Omissis* gie ma missieru u spjegalu li *Omissis* kienet giet abbuzata minn *Omissis*. Dak il-hin stess *Omissis* u missieru Publius rikbu lil *Omissis* fil-karozza u saqu ghal quddiem il-bieb tad-dar ta' *Omissis*, fejn *Omissis* u Publius nizlu mill-karozza jsabtu fuq il-bieb ta' barra u *Omissis* baqa' fil-karozza. Xi sitta u tletin siegha wara, *Omissis* u *Omissis* marru wara l-bieb ta' *Omissis* fejn nizlet *Omissis* tipprova tkelmu minn fuq it-telephone. *Omissis* sema' xi ghajjat u nizel biex jara ghaliex kien hemm dak l-istorbju kollu fejn sab lil martu *Omissis* tghid lil *Omissis* li xtaqet tkelmu u *Omissis* wegibha li ried johrog ma shabu l-Casino. Kien hawnhekk li *Omissis* rrabja u ghajru fost affarijiet ohra "moqziez". Jghid li lil *Omissis* kien kellimha minn fuq it-telephone fejn qallha li *Omissis* kien spjegalu x'kien gara, u *Omissis* kkonfermatlu li huwa minnu. Mindu sar jaf *Omissis* b'dak li kien gralha *Omissis* u meta fil-fatt sar ir-rapport minn naha ta' *Omissis*, ghaddew kwazi hames gimghat. *Omissis* semma okkazzjoni fejn sema' konversazzjoni bejn il-mara tieghu u

*Omissis* stante li bi zvista, il-mara tieghu ghafset xi buttuna fuq il-mobile u kien ghalhekk li seta' jisma' l-konversazzjoni. F'din id-diskussjoni sema' lil martu ssaqsi lil *Omissis* aktar dettalja dwar x'gralha u *Omissis* dejjem tahrab mir-risposti. Sema lil *Omissis* tghid lil martu li lil *Omissis* ma tobghodux, li qatt ma rrikkattaha izda wara li dak li ghamlilha, haqqa tiehodlu l-flus. Izid jghid li wara li *Omissis* welldet it-tarbija taghha, *Omissis* ried jiltaqa' mal-gharus taghha *Omissis* biex jerga' jibgor l-affarijiet li hu u martu kienu taw lil *Omissis* ghat-tarbija, peress li *Omissis* lanqas biss stednithom biex jigu jaraw it-tarbija. F'din l-okkazzjoni, *Omissis* qal lil *Omissis* li kien ikun ahjar li kieku *Omissis* qatt ma qallu b'din l-istorja ghax inqala' hafna nkwiet. *Omissis* irrispondieh billi qallu li, li kieku ma qallux kien ikollu rimors minhabba t-tifel tieghu. B'hekk *Omissis* hass li seta' kien hemm suspett li gara xi haga bejn it-tifel tieghu u *Omissis*.

***Omissis*** xehdet in kontro-ezami, permezz tal-video conferencing fis-16 ta' Frar, 2017. Hija tghid li kienet ilha fostered mindu kellha ghaxar snin sa tmintax jew dsatax-il sena. Tikkonferma li avolja kienet toqghod iz-Zurrieq mal-foster parents taghha, kull weekend kienet tinzel Bormla torqod ghand in-nanna taghha, omm il-foster mother taghha. *Omissis* tghid li meta kelleha xi erbatax-il sena, ir-relazzjoni taghha mal-foster mother taghha *Omissis* hzienet hafna u kienu jargumentaw hafna. Meta kellha dsatax-il sena, telqet mid-dar ghax inqala' argument wara l-mewt ta' nannitha, cioe' omm il-foster mother taghha, peress li nstab xi deheb nieqes u *Omissis* bdiet twahhel f'*Omissis* li haditu hi. Dak iz-zmien marret tghix il-Hamrun ma zijuwha. *Omissis* tikkonferma li l-ewwel darba li gara xi haga ma *Omissis* kien meta kellha tlettax-il sena u kienet fil-kamra ta' fuq tara t-television, meta *Omissis* dahal hdejha u minghajr ma kellimha, neza' l-qalziet, qabdilha idejha u poggihielha fuq il-parti tieghu. Dak il-hin, *Omissis*, in-nanna ta' *Omissis* kienet qeghda isfel fis-salott u avolja ma kellha l-ebda problema ta' smiegh jew mobbilita', *Omissis* ghazlet li ma tghajjatilhiex. Izzid tghid li dawn l-affarijiet baqghu sejrin sakemm kellha xi hmistax-il sena. *Omissis* spjegajt li kull darba li gara xi haga bejnha u bejn *Omissis*, dejjem kien jigi fil-kamra tas-sodda taghha fuq, filwaqt li n-nanna daqqa kienet tkun isfel u daqqa kienet tkun barra qed tixtri. Inoltre tghid, li

dawn l-affarijiet graw iktar minn hames darbiet b'kollox, u apparti l-ewwel darba, kwazi dejjem kien igieghlha taghmillu blow job billi jaqbadha minn rasha u jressaqha lejn il-parti privata tieghu. Meta darba saqsietu ghaliex qed jaghmel hekk, *Omissis* wegibha li ried jghallimha. *Omissis* tghid li l-ewwel darba li ddecidiet li tiftah qalbha kien mal-gharus taghha *Omissis*. Peress li r-relazzjoni ta' *Omissis* u l-foster parents taghha ma kienitx xi wahda tajba, *Omissis* kienet talbet lis-social worker taghha Ruth Cassar sabiex issibilha akkomodazzjoni alternattiva fejn tista' tghix ghal rasha, izda ma kien hemm l-ebda post vakanti ghal *Omissis*. Ghalhekk meta kellha tmintax-il sena, telqet mid-dar tal-foster parents taghha z-Zurrieq u marret tghix ghand in-nanna, omm il-foster mother taghha, Bormla ghal xi sitt xhur. Hemmhekk gieli kienet tara lil *Omissis*.

**Ruth Cassar** hija social worker fis-sezzjoni tal-fostering fejn taghmel rapport u monitoring tal-foster carers. Hija bdiet l-assessment taghha tal-foster carers *Omissis* u *Omissis* fis-sena 2003. Fis-sena 2004 gew approvati bhala foster parents u *Omissis* bdiet toqghod maghhom permanentement. Gieli kien ikollha *one to one sessions* ma *Omissis* fejn staqsietha kif inhi sejra l-iskola u mal-foster parents taghha, izda peress li ma kienitx is-social worker ta' *Omissis*, dawn is-sessions ma kienux spissi. Meta *Omissis* kellha sbatax-il sena, marret l-Appogg tfittex lil Ruth Cassar titlobha titlaq mid-dar tal-foster parents ghax kien qed ikollhom hafna argumenti bejniethom, izda kienet se tkun difficli hafna tmur go home jew shelter specjalment minhabba l-eta' taghha. Ruth Cassar saret taf li meta *Omissis* kellha xi tmintax-il sena marret toqghod ghand omm il-foster mother taghha, *Omissis* gewwa Bormla. Hija taf li kien hemm okkazjoni fejn l-argument kien fuq certu ritratti li tefghet *Omissis* fuq il-facebook profile taghha, ghaliex il-foster parents ma riduhiex ikollha facebook account peress li kienu xi ftit jew wisq rigidi. Ruth Cassar issemmi lil Mary Grace Genovese li kienet social worker pero' ma hijiex certa jekk kienitx is-social worker ta' *Omissis* jew ta' l-omm bijologika ta' *Omissis*, kif ukoll issemmi lil Roberta Conti li hija s-social worker ta' *Omissis*. Dawn it-tnejn minn nies ghamlu l-kaz ta' *Omissis* bhala dormant ghax ma kienu isibu koperazzjoni ghar-rigward visits mill-foster parents taghha.

**Roberta Bartolo Conti** hija social worker li segwiet lil *Omissis* mit-2004 sa 2006. Hija kienet tmur taghmel house visits ma Ruth Cassar go summer residence gewwa Birzebbugia u go residenza ohra z-Zurrieq. L-irwol taghha kien li torganizza erba' case reviews kull sitt xhur fejn jidhlu anke l-professjonisti u jsir care plan ghal *Omissis*. Il-foster parents ta' *Omissis* kienu jikkancellaw ta' spiss il-house visits u ghalhekk ma setax isir rapport kull sitt xhur. One to one sessions ftit li xejn kien ikollha ma *Omissis*, ghaliex il-foster parents kienu jkunu prezenti, imma minn naha taghha Roberta Bartolo Conti rat li t-tifla kienet kuntenta.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Jigi rilevat minnufih li l-prosekuzzjoni naqset li tppova li l-kwerelanti kienet fil-fatt minuri fiz-zmien indikat fic-citazzjoni u dan ghaliex ma giex esebit certfikat tat-twelid tal-kwerelanti u l-prosekuzzjoni lanqas ma ressqet xi xhud sabiex jghid id-data tat - twelid ta' din l-istess kwerelanti. Din il-Qorti hija biss rinfaccjta bin-numru tal-karta tal-identita' tal-kwerelanti li huwa 345194 li ghlhekk jista' jghati l-kaz li twieldet fis-sena 1994 u li illum ghanda xi erbgha u ghoxrin sena. Din il-prova hija indispensabbli ghall-prova tal-prosekuzzjoni biex taccerta l-Qorti li in effetti l-kwerelanti hija fil-fatt minorenni u li kienet tali meta giet allegatament mitluba sabex tipartecipa f'attivitajiet sesswali ma l-imputat illum appellant.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, id-difiza ghamlet referenza ghall-istitut tal-preskrizzjoni bhal difiza taghha, liema difiza giet rigettata mill-ewwel Qorti. Id-difiza sostniet li in effetti l-azzjoni fil-konfront ta l-appellant hija prskritta.

Illi limitatament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kkunsidrat:-

Illi fit-28 ta Jannar 2015, l-allura imputat gie akkuzat talli "f'dawn l-ahhar snin" huwa kkommetta r-reati li ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta' u cioe' *Omissis*, kif kontemplat rispettivament fl-Artikolu 204C(1) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta u bir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fuq il-persuna ta' *Omissis* li dak iz-zmien kienet minuri u taht it-18 il-sena, kif kontemplat fl-artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu sostna li l-azzjoni m'hijiex preskritta u dan ghaliex il-Qorti trid tikkombina l-artikolu 18 dwar ir-reat kontinwat meta tigi biex tapplika l-piena stante li f'kaz ta htija l-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn.

Illi jirrizulta li l-ewwel Qorti ma sabitx htija fil-konfront tal-appellant fir-rigward tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u lliberatu minn tali akkuza. L-Avukat Generali ma itnavola l-ebda appell f'dan ir-rigward u ghalhekk din il-Qorti ghandha biss l-akkuza naxxenti mill-artikolu 204C(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta x'tindirizza kemm fil-mertu kif ukoll fir-rigward tad-difiza preliminari tal-preskrizzjoni.

Illi l-atikolu 204C( 1) jiddisponi s-segwenti:-

*204Ċ. (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn ħames snin sa għaxar snin.*
*(2) Il-piena stabbilita għar-reat fis-subartikolu (1) għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed minn dawn il-każijietli ġejjin:*
*(a) jekk ir-reat isir fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid;*
*(b) meta jingħataw flus jew għamliet oħra ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens għal persuna ta' taħt is-sittax-il sena li tkun qiegħda tipparteċipa f'attivitajiet sesswali; jew*

*(ċ) meta l-ħati jabbuża minn xi pożizzjoni ta' fiduċja, awtorità, influwenza, jew waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala professjonist li jkun fil-pusses ta' kwalifika uffiċjali, u, jew warrant ta' prattika bħala counsellor, edukatur, terapista tal-familja, prattikant mediku, infermier, patologu, psikjatra, psikologu, psikoterapista, social worker, u, jew youth worker fuq persuna ta' taħt is-sittax-il sena u tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn taħt:*
*(i) il-ħati xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ikun ipperikola l-ħajja ta' persuna ta' taħt is-sittax-ilsena;*
*(ii) ir-reat ikun jinvolvi l-vjolenza jew offiża gravi fuq il-persuna ta' taħt is-sittax-il sena;*
*(iii) ir-reat isir bl-involviment ta' għaqda kriminali fil-kuntest tal-artikolu 83A(1).*

Illi pero' din m'hix applikabbli ghall-appellant ghaliex meta sehh l-allegat reat il-ligi kienet tipprovdi mod iehor. Dan ir-reat sarulu emendi bl-Att IV tas-sena 2014 kif ukoll bl-Att VIII tas-sena 2018 tant li llum il-peina ta' prigunerija saret sa mhux izjed minn hames snin. Jinghad pero' li fiz-zmien meta gie kommess l-allegat reat il-piena li l-Qorti setghet tinfliggi kienet dik sa mhux izjed minn sentejn.

Illi l-Artikoli tal-Ligi rilevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern huma s-segwenti:-

Art. 688 (d) li jiddisponi li l-azzjoni tibqa' preskritta bl-"*gheluq ta' hames snin ghad-delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena.*"

Kif ukoll l-artikolu 18 jipprovdi li:

*"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi"*

Ghalhekk bl-applikazzjoni tal -artikolu 18 f'kaz li l-Qorti trid tapplika dan il-provediment il-piena tista' tizdied sa erbgha snin ai termini tal-artikolu 31(viii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jidher pero' li l-ewwel Qorti ma applikatx iz-zieda fil-piena u minflok applikat il-piena fil-massimu taghha ghaliex ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' sentejn prigunerija.

Din il-Qorti mhiex f'psoizjoni li zzid il-piena izda trid tezamina u tara jekk il-piena kif iinflitta hiex fil-parametri tal-ligi u jekk hi ma tistaz izzid l-ammont ta zmien ta prigunerija moghtija izda tista biss f'cirkostanzi specjali u eccezzjonali tnaqqas tali piena jekk jirrizutlalha li hemm xi raguni vlaida sabiex taghmel dan.

L-ewwel problema legali hija dwar ir-reat kontinwat. Din l-Onorabbli Qorti tispjega li fid-decizjonijiet nostrana hemm żewġ interpretazzjonijiet kuntrastanti li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduti.

L-ewwel deċiżjoni hija '**<u>Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri'</u>** l tat-30 t'Ottubru, 2001 fejn intqal hekk:-

*"illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi. Dan iffisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l-kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konkluzzjoni differenti twassal ghall-assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u*

*fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.*

*Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artiklu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet tal-preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett". Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun ġie preskritt."*

Illi min naha l-ohra pero' kif rilevat fis-sentenza , fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija versus Joseph Borg</u>'** [22], il-Qorti qalet hekk:

*'Iż-żieda fil-piena stabbilita bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jiġi detrminat taħt liema wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 għandu jiġi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wieħed m'għandux jieħu in konsiderazzjoni sabeix jistabilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti; u (b) żieda fil-piena minħabba r-reċidiva. Iż-żieda fil-piena minħabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dan l-artikolu 689.*

Din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut u hawn fuq citat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Joseph Borg</u>**" u dan ghar raguni segwenti.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-**artikolu 689 tal-Kap. 9** li jghid:

"*Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun oridinarjament suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva.*"

Dan l-artikolu, kif gustament qalet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq riferita "**<u>Il-Pulizija vs Joseph Borg</u>**", jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta illi iz-

[22] Deciza 10 ta' Mejju 2000.

zieda fil-piena minhabba l-kontinwat m'hix inkluza fl-imsemmi artikolu 689. Kieku l-legislatur ried jinkludi l-kontinwat f'dan l-artikolu bhala haga li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni kien jinkludi l-kontinwat f'dan l-artikolu – *Ubi voluit dixit*.

Jigi nnutat li l-**artikolu 689 tal-Kap. 9** tinkludi ir-recidiva bhala wahda minn dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Issa l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jghid:

*"Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ........... <u>tista'</u> tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena."*

Hawn il-Qorti tissottolinja il-kelma "tista" fl-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-argument li rigward l-kontinwita' l-piena applikabbli <u>tista'</u> u mhux necessarjament ghandha, tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmi fl-art. 18 tal-Kap. 9 u *ergo* m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni ma tregix, anzi tkompli ssahhah il-fehma ta' din il-Qorti li kieku il-legislatur ried li l-kontinwita' m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni sabiex wiehed jistabilixxi zmien tal-preskrizzjoni, il-legislatur kien allura jinkludiha fl-artikolu 689 tal-Kap. 9.

Kif tajjeb osserva l-Imhallef Quintano fis-sentenza li inghatat mill-Qorti ta' l-Appelli kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. Louise Calleja) Vs Carmel Vella</u>**[23] *"il-liġi tagħna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l-artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, u meqjus bħala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bħala reat wieħed.*

*Il-Liġi Taljana viġenti titratta b'mod ferm differenti r-reat kontinwaat għall-fini tal-preskrizzjoni u dan minħabba dispożizzjonijiet ta' liġi li ma għandhom ebda riskontru fil- Liġi tagħna."*

---

[23] Deciza 6 ta' Jannar, 2012

Dis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2000 segwiet is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Grazio Zerafa'**[24] li kienet sostniet li ż-żieda fil-piena stabbilita fl-artikolu 18 tal-Kap 9 għandha tittieħed in konsiderazzjoni.

Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 għaliex legalment aktar jagħmlu sens ġaladarba wieħed jaċċetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Liġi tagħna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Liġijiet oħrajn. It-test tal-Liġi jgħid hekk: '*dawn l-atti jitqiesu bħala wieħed*'.

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fl-**ismijiet Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Michael Vella**[25] fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija kontra Paul Vella** [26].

Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u tikkwota testwalment:
"*Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi.*
*Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skont l-akkuza.*"

---

[24] Deciza 10 ta' Mejju, 2000

[25] Deciza 6 ta' Frar, 2002

[26] Deciza 18 ta' April, 2000

Illi f'din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jinghad ukoll hekk :

*"Ghalhekk huwa ovvju, dan kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza lokali, li ghall-finijiet ta' komputazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni z-zieda fil-piena ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 18 tal-Kap. 9 (Vide Appell Kriminali per Onor Imhallef Mizzi* ***__Il-Pulizija kontra Grazio Zerafa__*** *deciz 4 ta' Novembru, 1976".*

Fis-sentenza taghha il-Qorti tal-Appell Kriminali irrilevat ukoll:-

*"illi skond l-Artikolu 689 tal-Kap. 9 fejn si tratta ta' komputazzjoni taz-zmien tal-preskrizzjoni ma ghandux jittiehed qies biss u unikament ta' skuzi u cirkostanzi attenwanti u ta' l-aggravanti tar-recidiva. Dan l-Artikolu ma jsemmi xejn dwar ir-reat kontinwat, dan ghaliex, fid-definizzjoni tal-Ligi fl-Artikolu 18 tal-Kap. 9 dan ir-reat kontinwat jibqa' essenzjalment reat wiehed. Jigifieri ghal dak li jirrigwarda komputazzjoni taz-zmien preskrizzjonali, dan l-Artikolu 689 tal-Kap. 9 ma jeskludix ir-reat kontinwat bhalma jeskludi l-attenwanti u l-iskuzi u r-recidiva. Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant fis-sens li hawn hekk iz-zmien preskrizzjonali applikabbli hu dak ta' ghaxar snin, u mhux ta' hames snin kif qalet l-ewwel Qorti, huwa milqugh."*

Skont l-artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda' tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.

Jinghad kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti li l-appellant tressaq il-Qorti fit-28 ta Jannar, 2015 u inter alia gie akkuzat li f'*Omissis*, Bormla u postijeit ohra f'dan il-Gzejjer matul is-sena u l-hames snin ta' qabel (jigifieri mis-sena 2008 sa 2013) b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna taht l-eta' u cioe' ma *Omissis*. Sfortunatament il-prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda certifikat tat-twelid tal-kwerelanti u ghalhekk din il-Qorti ma hiex mgharrfa bl-eta'

ezatta taghha. Ghandha biss in-numru tal-karta tal-identita' taghha li hu 345194(M) u ghalhekk huwa prezunt li *Omissis* twieldet fis-sena 1994 u fis-sena 2008 meta allegatament bdiet tippartecipa fl-atti sesswali hija kellha erbatax-il sena u ghalqet tmitnax-il sena fis-sena 2012. Ghalhekk din il-Qort trid tara jekk l-atti sesswali sarux entro' dan il-perijodu u cioe' bejn is-sena 2008 u 2014.

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha taht ittitolu "preskrizjoni" tghid is-segwenti:-

"Mill-atti jirrizulta li l-allegati atti ta' abbuz sesswali bdew isehhu meta il-minuri kellha tlettax-il sena u komplew sa meta hija ghalqet sittax-il sena. Fis-sena 2004 meta sar ir-rapport inizjali minn *Omissis* il minuri kellha dsatax-il sena u ghalhek dan ifiser li dawn l-allegati bdew fis-sena 2008 u komplew sas-sena 2011. Peress illi l-allegat agir sehh aktar minn dabra u fuq medda ta' snin japplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk il-preskrizzjoni tibda' tiddekorri mill-ahhar draba li jkun sehh ir-reat, f'dan il-kaz fl-2011"

Illi pero' bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma taqbilx mas-snin kif elenkati minnha fir-riassunt fuq imsemmi. Dan ghar-raguni segwenti:

Fl-assenza ta' certifikat tat-twelid, huwa probabbli li l-kwerelanti twieledet fis-sena 1994 (stante li l-ahhar zewg numri tal-karta tal-identita' taghha huma 94). Illi l-akkuza tirrisali ghas-sena 2013 u hames snin lura u ghalhekk nigu ghas sena 2008. Fis-sena 2008 jekk twieldet fis-sena 1994 l-kwerelanti kellha erbatax-il sena. U meta *Omissis* ghamel ir-raport fis-sena 2014, l-kwerelanti kellha ghoxrin sena u mhux dsatax-il sena.

Huwa minnu li din il-Qorti kif affermat l-ewwel Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjoni wahda tal-fatti u cioe' dik rakkontata min *Omissis* u dan ghaliex l-appellant kif kellu kull dritt jghamel ma wegibx ghad-domandi li sarulu fl-ewwel stqarrija u kif kellu kull

drit ukoll jghamel ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri minkejja li ghazel li jwiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

***Omissis*** ighid li kien mar jghamel rapport l-ghassa tal pulizija ta' Bormla nhar id-29 ta' Dicembru 2014 fejn allega li l-appellant kien abbuza mit-tifla li kien irabbi u cioe' *Omissis* meta din ghad kellha tlettax-il sena. Ir-rapport ibbazah fuq dak li kien qallu l-gharus taghha Russel Brincat. Qal li dan Brincat kien qallu li *Omissis* kient qaltlu li sa minn meta kellha tlettax-il sena l-appellant kien igieghlha taghmillu 'blow job'. Qal li Jancie kienet tghix maghhom minn meta kellha tmien snin (jigifieri mis-sena 2002, jekk naqblu li twiedet is-sena 1994) sas-sena 2013 meta kellha dsatax-il sena. Ix-xhud jghid li giet tghix maghhom fis-sena 2003 pero' jghid li kellha tmien snin u ghalhekk is-sena kellha tkun 2002 una volta naccettaw li twieldet fis-sena 1994. Jghid pero' li minkejja li ghamel dan ir-rapport fuq l-appellant li gharaf fl-awla quddiem l-ewwel Qorti jghid li ghajn hazina minnu qatt ma ra.

Russel Brincat ikkonferma li *Omissis* hija t-tfajla tieghu u *Omissis* kien il-foster father taghha u jghid li Jancie qaltlu li l-appellant kien abbuza minnha. Spjega li waqt li kient tkun fil-kamra taghha kien imur l-appellant u jiftakar li qaltlu li darba minnhom tefghalha l parti genitali tieghu f'halqha (jiddeskrivi dan l-organu bhala 'gismu')[27] u gieli jgieghlha tghamillu xi 'blow job' jew timmasturbah u kien jghidilha li kien qieghed hemm biex jghallimha.

***Omissis*** xehdet u kkonfermat li *Omissis* huwa l-foster father taghha u li kienet git fostered meta kellha biss hdax-il sena. Tghid li minkejja li kient tghix iz-Zurrieq mal-foster parents taghha fil-weekends kienet tmur ghand in-Nanna Bormla. Spjegat li darba minnhom meta kellha tlettax-il sena u ghalhekk fis-sena 2007 (ghaliex twieldet fis-sena 1994) *Omissis* kien mar ghandha u neza l-qalziet u gieghlha tmiss il-parti

---

[27] Fol. 52 ta l-atti

sesswali tieghu u gieghlha ukoll timmasturbalu, imbaghad wara li ghamlet hekk telaq 'l hemm. Tghid li kien hemm drabi ohra meta gieghlha iggiblu erezzjoni u sahansitra beda anke imiss lilha. Beda imiss il-parti sesswali taghha, bili kien idahhal idu fil-qalziet pero' qatt ma ippenetra fiha, dejjem orali. Tghid li kient tibza' u ma tghid xejn. Qalet li l-appellant kien qisu z-ziju taghha, dejjem ghandhom, habib kbir tal-familja. Spjegat li dawn l-affarijiet kienu jigru fil-kamra tas-sodda ta' fuq u cioe' li kellu jitla' zewg sulari tarag minn fejn tidhol mill-bieb ta' barra. Qalet li dawn l-affarijiet graw bejn meta kellha tnax u sittax-il sena u tghid li kienu jigru mihux ta' spiss izda minn zmien ghal zmien. (ghalhekk kienu jigri bejn is-sena 2006 meta kellha tnax-il sena u 2010 meta kellha sittax-il sena). Qalet b'mod kategoriku li meta kellha sittax-il sena dawn l-affarijiet waqfu ghaliex bdiet taghmel minn kollox biex ma tkunx wahedha. Ikkonfermat li l-ewwel darba li tkellmet kien mal-boyfriend taghha *Omissis* u wara li l-foster father taghha u wara li ddecidew li jghamlu rapport ghand il-pulizija. Mitluba ghaliex ma fethitx qalbha qabel tghid ghaliex bezghet li ma tigix emmnuta.

Illi ghalhekk jirrizutla bla ebda tlaqliq jekk din il-Qorti ghandha temmen lill-kwerelanti kif del resto ghamlet l-ewwel Qorti u ma hemmx raguni' l ghala m' ghandhiex ma temminix molto piu' meta tqis li ma hemm l-ebda prova ohra kuntrarja imresqa mill-appellant biex ifixkel tali prova, li verament l-kwerlanti ippartecipat f'atti sesswali mal-appellant.

Jinghad pero' u dan fuq dak dikjarat mill-istess appellant li dawn graw bejn is-snin 2006 u 2010. Issa l-appellant tressaq il-Qorti fis-sena 2015 u ghalhekk hames snin wara l-ahhar akkadut.

Illi f'din il-kawza d-dati huma approssimattivi u dan ghaliex fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni naqset li tipprova l-eta' tal-allegata vittma u fit-tieni lok l-istess allegata vittma xehdet b'mod vag hafna bla ma tat dettalji dwar meta sehhu l-incidenti infelici.

Tkellmet biss b'mod vag u remot ubla ma ghamlet refernza partikolari lanqas ghal incient wiehed marbut ma data specifika.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti thoss li fil-fatt kienu ghaddew hames snin bejn l-ahhar akkadut u meta tressaq il-Qorti l-appellant u konsegwentement din l-azzjoni kienet preskritta meta l-appellant tressaq il-Qorti.

Ghadaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant, tvarja s-sentenza appellata tas-26 ta Jannar 2018, billi tikkonfermha fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal-piena ta' sentejn prigunerija, minflok tiddikjara tali akkuza bhala preskritta u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef